MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2006

Appell Civili Numru. 726/1990/2

**Michael Pace**

**v.**

**Richard Micallef f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' Polymer Conversions (Med) Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-11 ta' Frar, 2005, li bih Michael Paċe ippremetta li:

"Illi b'citazzjoni pprezentata quddiem il-Qorti tal-Kummerc, l-attur wara li ppremetta:

Illi in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani datat 27 ta' Marzu 1990, (Dok. A) il-konvenut f'ismu proprju u ghan-nom tal-kumpanija 'Polymer Conversions (Med) Limited' obbliga ruhu li jlesti xi xogholijiet fil-fond numru 4, fil-korp ta' bini numru 26, Dun Karm Psaila Street, Sliema, liema xogholijiet huma ndikati f'nota mmarkata 'Y' fil-kuntratt opportun, kif ukoll li jlesti l-lift u xogholijiet fil-partijiet komuni fl-istess korp;

Illi in forza ta' l-istess kuntratt, gie fmiftiehem li f'kaz li l-konvenut proprio et nomine jonqos li jlesti dan ix-xoghol stipulat sa tmien gimghat mid-data tal-kuntratt il-konvenut proprio et nomine jehel penali ta' mitt lira Maltija (LM100) kuljum;

Illi in forza ta' l-istess kuntratt, il-konvenut f'ismu propju u l-kumpanija konvenuta huma ko-debituri u ghalhekk huma obbligati in solidum versu l-attur ghat-tlestija tax-xogholijiet u ghall-hlas tal-penali, u dan a tenur ta' l-Artikolu 115 (1) tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi hafna mix-xogholijiet fuq imsemmija ma gewx kompletati sad-data kontrattwali kif jirrizulta skond certifikat rilazzjat mill-Perit Joseph Genovese (Dok. B) u ghalhekk giet in operazzjoni l-penali ta' mitt lira Maltija (Lm100) kuljum;

U illi nonostante li l-konvenut proprio et nomine gie interpellat anki b'ittra ufficjali biex jaghmel ix-xoghol u jhallas il-penali, huwa baqa' inadempjenti.

Talab lill-Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut f'ismu proprju u f'isem il-kumpanija konvenuta, in solidum bejniethom, biex jaghmel ix-xoghol kollu stipulat fil-kuntratt tas-27 ta'

Marzu, 1990, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, okkorrendo taht id-direzzjoni ta' perit nominand;

2. F'kaz li l-konvenut proprio et nomine jonqos u ma jaghmilx ix-xoghol lilu prefiss, tawtorizza lill-attur jaghmel huwa stess l-istess xoghol a spejjez ta' l-istess konvenut f'ismu proprju u ghan-nom tal-kumpanija konvenuta, in solidum bejniethom, taht id-direzzjoni ta' l-istess perit nominand;

3. Tillikwida l-ammont ta' penali dovut (recte: dovuta) mill-konvenut f'ismu proprju u ghan-nom tal-kumpanija konvenuta in solidum bil-mmit lira Maltija (Lm100) kuljum mit-22 ta' Mejju, 1990, sad-data tas-sentenza;

4. Tikkundanna lill-konvenut f'ismu proprju u ghan-nom tal-kumpanija konvenuta in solidum biex ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat u dovut bhala penali b'riserva ghad-dritt ta' l-attur ghall-penali li tista' tkun dovuta wara d-data tas-sentenza.

Bl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut Richard Micallef proprio et nomine eccepixxa:

1. Fl-ewwel lok, in-nullita` tac-citazzjoni stante li t-talbiet attrici m'humiex sorretti minn talba ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita` ta' l-eccipjenti, u konsegwentement ma jistax jigi kkundannat ihallas ebda ammont in via ta' penali, liema penali hi ta' natura ta' danni gia` likwidati;

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nullita` tac-citazzjoni stante li l-attur ma setax jitlob sia l-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni, kif ukoll il-hlas tal-penali;

3. Illi l-obbligazzjoni taht penali hi nulla u bla effett, stante li l-kunsens tal-konvenut pro et noe gie vizzjat minn vjolenza u theddid;

4. Fil-mertu, l-allegazzjonijiet ta' l-attur huma manifestament infondati, stante li x-xoghlijiet gew ezegwiti 'a tempo' kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-Perit Noel Debattista, mmarkat Dok. RM1.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

B'digriet moghti fit-30 ta' Mejju 1996, il-konvenut gie awtorizzat, fuq talba tieghu stess, li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri. L-awtorizazzjoni tal-Qorti nghatat biss biex huwa jkun jista' jressaq eccezzjonijiet mibnija fuq l-allegazzjoni tieghu li l-attur kien 'accetta espressament' il-parti tax-xoghol li ghamel il-konvenut (ara fol. 172). In segwitu ghal dan id-digriet, il-konvenut ressaq zewg eccezzjonijiet ohra:

5. Illi l-attur jew xi hadd ghalih accetta espressament ix-xogholijiet li kienu tlestew billi, hekk kif ghaddew it-tmien gimghat moghtija fil-kuntratt, dahlu fil-fond il-genituri tieghu, u ghalhekk, jekk kien hemm xi danni, dawn sofrewhom terzi u mhux l-attur, li ghalhekk m'ghandux interess guridiku biex jitlob il-hlas tal-penali, li hija danni pre-likwidati;

6. Illi la darba l-attur accetta espressament il-parti ta' l-obbligazzjoni li kienet esegwita, il-Qorti ghandha tnaqqas il-penali taht l-Art. 1122(1)(a) tal-Kodici Civili.

Precedentement ghal dawn l-eccezzjonijiet ulterjuri, l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tat sentenza parzjali fit-2 ta' Frar, 1994 (fol. 143 tal-process). Biha cahdet l-ewwel, it-tieni u r-raba' eccezzjoni tal-konvenut u ikkonkludiet id-decizjoni taghha testwalment hekk:

'……tipprovdi dwar l-ewwel (1) talba attrici billi tikkundanna lill-konvenuti proprio et nomine sabiex fi zmien tlett (3) gimghat mill-lum jaghmel ix-xogholijiet hawn fuq elenkati, u cioe`, il-mili tal-fil, it-tikhil tax-xambrella u z-zewg (2) sollijiet, u dan taht id-direzzjoni u sorveljanza ta' l-Arikitett u Inginier Civili Ronald Muscat

Azzopardi illi qed jigi nominat ghal dan l-iskop, u tipprovdi dwar it-tieni (2) talba attrici billi, f'kaz illi l-konvenut proprio et nomine jonqos illi jaghmel dawn ix-xogholjiet fit-terminu ta' tlett (3) gimghat hawn fuq imsemmi, tawtorizza lill-attur illi jaghmel l-istess u xogholijiet huwa a spejjez tal-konvenut proprio et nomine u taht id-direzzjoni u sorveljanza ta' l-imsemmi A.I.C. Ronald Muscat Azzopardi;

Tirrizerva illi tipprovdi fi stadju ulterjuri dwar it-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenut u dwar it-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet ta' l-attur;

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.'

B'sentenza taghha tal-20 ta' Marzu 1997, il-Prim Awla tal-Qorti Civili tat is-sentenza fuq il-kwistjonijiet li kien baqa' pendenti bejn il-kontendenti fl-20 ta' Marzu, 1997;

'Qabel xejn il-Qorti tosserva li bid-digriet taghha tat-30 ta' Mejju 1996 kienet tat lill-konvenut proprio et nomine permess biex iressaq bhala eccezzjonijiet ulterjuri dawk l-eccezzjonijiet biss li jkunu mibnija fuq l-allegazzjoni tieghu li l-attur accetta espressament il-parti mix-xoghol li lahqet tlestiet. L-ewwel eccezzjoni ulterjuri (il-hames eccezzjoni tal-konvenut proprio et nomine), ghalhekk tibda biex tghid li l-attur accetta espressament ix-xogholijiet, hija eccezzjoni ta' nuqqas ta' nteress. Dan in-nuqqas ta' nteress jista' johroq mhux mill-fatt li l-attur seta' accetta x-xogholijiet izda mill-fatt li d-danni jkunu sofrewhom terzi u mhux l-attur. Ghalhekk, din mhix eccezzjoni mibnija fuq l-allegazzjoni li l-attur accetta espressament parti mix-xogholijiet, u l-konvenut ma kienx awtorizzat iressaq din l-eccezzjoni. Il-Qorti, ghalhekk, mhix sejra tqisha u qeghdha tordna li titnehha mill-inkartament.

Din is-sentenza tal-lum, ghalhekk, hija dwar it-tielet u s-sitt eccezzjonijiet tal-konvenut u t-tielet u r-raba' talbiet ta' l-attur.

Fit-tielet eccezzjoni l-konvenut qieghed ighid li l-obbligazzjoni taht penali hija nulla ghax il-kunsens tieghu kien vizzjat minn vjolenza u theddid.

L-obbligazzjoni li l-konvenut qed ifittex li jwaqqa’ hija dik li l-konvenut proprio u s-socjeta` konvenuta ntrabtu biha bil-kuntratt tas-sebgha u ghoxrin ta’ Marzu elf disa’ mija u disghin (27/03/99) fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani. Il-parti relevanti tal-kuntratt tghid hekk:

*Now, therefore, The Vendor* (i.e. il-konvenut proprio Richard Micallef) *and the Company* (i.e. is-socjeta` konvenuta Polymer Conversions (Med) Limited *undertake to complete the said works* (i.e. ix-xogholijiet elenkati f’dokument mehmuz mal-kuntratt, fol. 18.) *together with the lift and common areas within eight weeks from today and this under a penalty and fine as liquidated damages of one hundred Maltes liri (Lm100) per day or part thereof that the said Vendor and Company shall not have completed the said works* (fo. 19).

Il-konvenut qieghed jghid li, biex hu ta l-kunsens ghal dan il-patt, kien imgieghel bi vjolenza u theddid, u fisser ukoll x’kienu dawn il-vjolenza u theddid. Dak in-nhar li sar il-kuntratt, qabel ma saret il-pubblikazzjoni, l-attur beda juri li ma riedx jersaq ghall-kuntratt ghax il-partijiet ma kienux qablu dwar ix-xogholijiet li kien fadal li jsiru. L-attur beda jinsisti li, sakemm jitlestew ix-xogholijiet kollha, hu jzomm parti mill-prezz li kellu jithallas lill-konvenut. Il-konvenut ma qabilx li ma jithallasx il-prezz kollu. Meta ra hekk, l-attur qam u qal li jitlaq ’il barra jekk ma jsirx kif irid hu. Biex isalva s-sitwazzjoni, in-nutar ippropona li, flok tinzamm parti mill-prezz, kif ried l-attur, tkun stipulata l-penali de quo. Il-partijiet qablu ma’ din il-proposta u hekk seta’ jsir kuntratt (Ara x-xhieda tan-Nutar Anthony Grech Trapani, moghtija fis-seduta tad-9 ta’ Ottubru 1991, fol. 67 et seq.).

Mela t-‘theddid’ allegat mill-konvenut ma kienx hlief id-decizjoni ta’ l-attur li ma jiffirmax il-kuntratt jekk ma jidhlux xi pattijiet biex iharsu l-interessi tieghu.

Il-Qorti ma tara xejn illecitu jew hazin f'dak li ghamel l-attur: l-attur ma riedx jersaq ghall-kuntratt jekk ma jithallasx il-prezz kollu. Kull ma jfisser dan hu li ma kienx ghad hemm consensus in idem sakemm ma pproponiex soluzzjoni n-nutar li ntoghogbot miz-zewq partijiet. Il-fatt li dan il-patt dahal bhala 'postilla' fil-kuntratt ma jnaqqas xejn mill-validita` tieghu. Anke kieku, kif allega l-konvenut, kellu ansjeta` biex isir il-kuntratt u jdahhal il-flus ghax kellu xi kredituri li ried ihallashom bil-flus li kellu jircievi, xorta l-konvenut kien hieles li ma jaccettax din il-proposta tan-nutar kif ma kienx accetta t-talba originali ta' l-attur. L-allegazzjoni tal-konvenut li kien hemm xi vjolenza jew theddid ma hix hlief allegazzjoni frivola, u ma jixraqx li tintlaqa'.

Il-Qorti ghalhekk tichad ukoll it-tielet eccezzjoni tal-konvenut.

Jonqos issa li l-Qorti tqis it-tielet u r-raba' talbiet u safejn dawn jintlaqtu bis-sitt eccezzjoni, li hija t-tieni ulterjuri.

Il-penali kellha tithallas fil-kaz illi the said Vendor and Company shall not have completed the said works. Dawn ix-xogholijiet kellhom jitlestew fi zmien tmien gimghat mid-data tal-kuntratt, i.e. sat-tnejn u ghoxrin ta' Mejju elf disa' mija u disghin (22/05/90). Dawn ix-xogholijiet ma tlestewx saz-zmien miftiehem; fil-fatt, skond stqarrija tal-partijiet flimkien, ix-xogholijie tlestew sas-sbatax ta' Frar elf disa' mija u erbgha u disghin (17/02/1994).

Mela l-konvenut kien in mora bejn it-22 ta' Mejju 1990 u s-17 ta' Frar 1994, b'kollox elf tliet mija u sebgha u sittin (1376) jum.

Il-penali stipulata kienet ta' mitt lira (Lm100) kuljum. Il-Qorti ghandha s-setgha, dkond l-Art. 1122 tal-Kodici Civili, li fuqu qieghed jistrieh il-konvenut proprio et nomine, li tnaqqas jew ittaffi l-penali f'dawn iz-zewg kazijiet biss; jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun accetta espressament il-bicca hekk esegwita, meta jitqiesu c-cirkostanzi partikolari tal-krditur, tkun bic-car tiswielu. F'dan it-tieni kaz, izda, il-Qorti ma tistax

tnaqqas il-penali jekk il-penali tkun giet miftehma ghad-dewmien biss.

Ghalkemm huwa minnu li l-konvenut kien lahaq ghamel pati mix-xoghol, l-ewwel kaz fejn il-Qorti tista' tnaqqas il-penali ma hux applikabbli ghax il-kreditur, l-attur, ma accettax espressament il-parti mix-xoghol li tlestiet. Il-fatt li l-genituri tieghu dahlu joqghodu fil-post huwa fatt li minnu tista' b'xi mod targumenta u tghid li jimplika accettazzjoni. Dan huwa diskutibbli, izda l-Qorti ma tarax li ghandha tidhol f'dan l-argument ghax huwa irrelevanti. Il-ligi trid accettazzjoni espressa u xejn anqas. Ma nistghux nghidu li meta l-ligi riedet accettazzjoni espressa l-Qorti ghandha tifhem li jkun bizzejjed fatt li jimplika accettazzjoni.

Lanqas it-tieni kaz imsemmi fl-Art. 1122 ma hu applikabbli ghax il-penali kienet stipulata ghad-dewmien. Ghalhekk, din il-Qorti ma ghandha ebda setgha tnaqqas il-penali.

Il-Qorti tifhem li dan jista' jwassal ghal konsegwenzi horox fuq il-konvenut, izda il-Qorti ma tistax tindahal fi ftehim validu bejn il-partijiet meta dan il-ftehim ma hu bl-ebda mod vizzjat; *pacta sunt servanda.* Il-Qorti ma tistax iddghajjef dan il-principju minghajr ma ddghajjef ukoll is-sistema legali taghna mibni fuq il-liberta` kuntrattwali tal-partijiet. Min irid jevita konsegwenzi bhal dawk li sejrin jolqtu lill-konvenut ghandu jew ma jidholx fi ftehim bhal dak de quo jew inkella, meta jaghti kelmtu, jzommha.

Il-Qorti ghalhekk, wara li ma tqisx l-ewwel eccezzjoni ulterjuri (il-hames eccezzjoni tal-konvenut proprio et nomine) u tordna li titnehha mill-inkartament, tichad it-tieni eccezzjoni ulterjuri (is-sitt eccezzjoni) u tilqa' t-tielet talba ta' l-attur billi tillikwida l-penali skond il-kuntratt fis-somma ta' mija u sitta u tletin elf u seba' mitt lira (Lm136,700), i.e. mitt lira (Lm100) kuljum ghal elf tliet mija u sebgha u sittin (1376) jum.

Il-Qorti tilqa' wkoll ir-raba' talba u, billi l-obbligazzjoni hija wahda kummercjali u solidali, tikkundanna lill-konvenut Richard Micallef proprio u lis-socjeta` konvenuta Polymer

Conversions (Med) Limited ihallsu in solidum lill-attur is-somma ta’ mija u sitta u tletin elf u seba; mitt lira (Lm136,700).

L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut proprio et nomine.

Illi l-konvenut proprio et nomine hass ruhu aggravat kemm bis-sentenza in parte tat-2 ta’ Frar, 1994 kif ukoll bis-sentenza tal-20 ta’ Marzu, 1997 u minnhom interpona appell lil din il-Qorti b’rikos pprezentat fit-2 ta’ April, 1997 u talab li din il-Qorti joghogobha thassar u tirrevoka s-sentenza parzjali ta’ l-ewwel Qorti tat-2 ta’ Frar, 1994 kif ukoll is-sentenza l-ohra tal-20 ta’ Marzu, 1997 u minflok tilqa’ l-eccezzjonijiet tieghu bl-ispejjez kollha kontra l-appellat.

B’digriet tas-seduta tal-20 ta’ Novembru, 2003 din il-Qorti laqghet it-talba ta’ l-appellant u ghalhekk ammettietu ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament billi kienet sodisfatta li kienu jikkonkorru r-rekwiziti kollha skond l-Artikolu 904(1) ta’ l-imsemmi Kap. 12.

Illi b’sentenza tal-15 ta’ Dicembru, 2004 din l-Onorabbli Qorti ddecidiet billi:

1. Cahdet l-appell in kwantu jikkoncerna s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fit-2 ta’ Frar, 1994, liema sentenza giet ikkonfermata;

2. Laqghet in parti l-appell in kwantu jikkoncerna s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-20 ta’ Marzu, 1997 billi kkonfermatha fejn injorat il-hames eccezzjoni u fejn cahdet it-tielet eccezzjoni tal-konvenut izda rrevokatha in kwantu likwidat penali fis-somma ta’ mija u sitta u tletin elf u seba’ mitt lira Maltin (Lm136,,700) kif ukoll in kwantu kkundannat lill-konvenut *pro et noe* li jhallas din is-somma u minflok din il-Qorti laqghet l-appell in kwantu bazat fuq is-sitt eccezzjoni tal-konvenut u ghalhekk laqghet it-tielet talba attrici limitatament billi illikwidat penali li ghandha tithallas lill-attur mill-konvenut fis-somma ta’ elf tlett mija u sebhga u sittin lira Maltin (Lm1,367), u konsegwentement laqghet r-raba’ talba ta’ l-

attur ukoll limitatament billi kkundannat lill-konvenut f'ismu proprju u *in solidum* mas-socjeta` konvenuta biex ihallas lill-attur appellat din l-istess somma ta' elf tlett mija u sebgha u sittin lira Maltin (Lm1,367) bhala penali ridotta;

3. Kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez tordna a) li l-ispejjez konnessi mas-sentenza tat-2 ta' Frar, 1994 jibqghu kollha a karigu tal-konvenut appellant b) li l-ispejjez konnessi mad-digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Gunju, 2001 jibqghu kollha a karigu ta' l-attur appellat c) u billi hemm lok ghal temperament fil-kap ta' l-ispejjez konnessi mas-sentenza tal-20 ta' Marzu, 1997 kif ukoll l-ispejjez ta' din l-istanza (minbarra dawk tad-digriet imsemmi tal-15 ta' Gunju, 2001) jithallsu kwantu ghal 75% (hamsa u sebghin fil-mija) mill-attur appellat u kwantu ghar-rimanenti 25% (hamsa u ghoxrin fil-mija) mill-konvenut appellant *proprio et nomine.*

Illi l-esponent ihoss illi mis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-15 ta' Dicembru 2004 hemm lok ghar-ritrattazzjoni a bazi ta' l-Artikolu 811 (e) u (l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-kapi tas-sentenza li l-esponent irid jattakka a tenur ta' l-Artikolu 816 tal-Kap. 12 u r-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni huma s-segwenti:

a. is-sentenza applikat il-Ligi hazin
b. fis-sentenza hemm dispozizzjonijiet kontra xulxin

Mid-dicitura tal-kuntratt in kwistjoni jirrizulta car illi l-penali giet mifthema bejn il-kontendenti minhabba dewmien fl-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni kif sewwa irriteniet kemm l-ewwl Onorabbli Qorti kif ukoll dina l-Onorabbli Qorti fejn qalet "Infatti din il-Qorti wkoll irradikat fiha l-fehma li l-klawsola penali giet pattwita u mifthema bejn il-kontendenti biex l-attur jassigura ruhu li l-konvenut ilesti x-xogholijiet kollha li kien baqa' jitlestew fiz-zmien stipulat ta' tmien gimghat u fin-nuqqas tkun dovuta l-penali ghad-

dewmien” (ara it-tielet linja ta’ l-ewwel paragrafu a fol. 18 tas-sentenza).

Illi l-ligi applikabbli hija cara billi skond l-Artikolu 1122 (1) tal-Kap. 16, “il-Qorti ma tistax tnaqqas jew ittaffi l-penali.” Skond l-Artikolu 1122 (1) (b) “ebda tnaqqis ta’ penali ma jista’ jsir, jekk id-debitur, meta ntrabat ghall-penali, jkun irrinunzja espressament ghal kull tnaqqis jew jekk il-penali tkun giet mifthema ghad-dewmien biss.”

Din hija l-ligi li kellha tigi applikata mill-Qorti ta’ l-Appell.

Minbarra dan, l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili (Kap. 16) tiddisponi li l-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta’ ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom, cioe` *pacta sunt sevanda.*

Minflok, il-Qorti ta’ l-Appell applikat l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili invokata mill-appellant li tezigi li l-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti bil-bona fidi u li dawn jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi, liema artikolu ma japplikax f’dan il-kaz.

Illi l-kuntratt bejn il-partijiet huwa car bil-kliemli ntuzaw min-Nutar u li jirrifletti proprju l-intenzjoni tal-partijiet u ghalhekk ma jaghti l-ebda lok ghal xi interpretazzjoni ohra. Infattik l-ligi stess tezigi li skond l-Artikolu 1002 ‘meta l-kliem ta’ konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni’.

Il-penali giet stabbilita fil-kuntratt biex tassigura li x-xogholijiet kollha li obbliga ruhu li jaghmel il-konvenut proprio et nomine jigu ezegwiti fiz-zmien stabbilit ta’ tmien gimghat u l-ammont tal-penali kien ta’ mitt lira (Lm100) kuljum proprju sabiex dawk l-obbligi jigu onorati fil-hin miftiehem.  Il-konvenut proprio et nomine kien jaf ben tajjeb li kellu jaghmel dawn ix-xogholijiet fi zmien stipulat u li jekk ma jaghmilhomx ikun suggett ghall-penali miftiehma bejn il-partijiet u diga` accettata minnu stess.

L-Artikolu tal-ligi li ghandu jigi applikat huwa l-Artikolu tal-Kodici Civili

992 (1) ‘Il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta’ ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.

(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu imhassra hlief bil-kunsens ta’ xulxin tal-partijiet, jew ghar-ragunijiet maghrufin mil-ligi.’

F’dan il-kaz ma kien hemm l-ebda lok li l-intenzjoni tal-partijiet u dak kollu li gie miftiehem bi qbil bejniethom jigi sostitwiet mill-Qorti. Precedent bhal dan jista’ jwassal biss ghal incertezzi kbar f’dak li jigi stipulat fil-kuntratti. L-iskop kollu ta’ kuntratt huwa biex il-partijiet ikunu jafu fejn qeghdin f’dak li huwa drittijiet li jakkwistaw u obbligi taghhom.

Kemm l-ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll il-Qorti ta’ l-Appell wasslu ghall-konkluzjoni li ma kien hemm l-ebda malafede fil-kuntratt.

Is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti cahdet it-tielet ecezzjoni tal-konvenut billi mhux talli ma kien hemm l-ebda vjolenza fl-ghemil u fl-operat ta’ l-attur appellat talli dik il-Qorti ma rat xejn illecitu jew hazin f’dak li ghamel l-attur.

Skond l-Artikolu 1118 tal-Kodici Civili (Kap 16): ‘Il-klawzola penali hija dik li biha wiehed, sabiex jizgura l-ezekuzzjoni ta’ ftehiem jobbliga ruhu ghal xi haga fil-kaz li jonqos li jezegwieh’.

Skond l-Artikolu 1122(1) il-Qorti ma tistax tnaqqas jew ittaffi l-penali hlief f’dawn il-kazijiet:-

(a) Jekk id-debitur ikun esekwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun accetta espressament il-bicca li giet esekwita;
(b) Jekk id-debitur ikun esekwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-parti hekk esekwita, meta jitqiesu c-cirkostanzi partikolari tal-kreditur, tkun bic-car tiswielu.

Izda, f'dan il-kaz, **ebda tnaqqis ta' penali ma jista' jsir** jekk id-debitur, meta ntrabat ghall-penali, ikun irrinunzja espressament ghal kull tnaqqis jew **jekk il-penali tkun giet mifthema ghad-dewmien biss**.

L-ewwel Qorti kienet irriteniet illi mid-dicitura tal-kuntratt in kwestjoni jirrizulta car illi dik il-penali kienet giet mifthema bejn il-kontendenti minhabba dewmien fl-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni.

Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell jinghad f'paragrafu 20 a fol 16:

'Infatti din il-Qorti ukoll irradikat fiha l-fehma li l-klawsola penali giet pattwita u mifthema bejn il-kontendenti biex l-attur jassigura ruhu li l-konvenut ilesti x-xoghlijiet kollha li kien baqa' jitlestew fi zmien stipulat ta' tmien gimghat u fin-nuqqas takun dovuta l-penali ghad-dewmien.'

L-grad ta' inadempjenza huwa irrilevanti u mmaterjali f'dan il-kaz ghaliex mill-bidu nett ix-xoghlijiet li kellhom jitlestew u jigu kompletati ma kienux xoghlijiet kbar di natura u ghalhekk aktar u aktar ma kien hemm l-ebda skuza biex dawn ma jitlestewx fil-perijodu stipulat fil-kuntratt izda li xorta wahda ma tlestewx;

L-ammont tal-penali mifthema bejn il-partijiet ta' mitt lira kuljum (Lm100) kienet tirraprezenta 'liquidated damages' ghad-dewmien ta' kull gurnata sakemm ix-xoghlijiet jitlestew;

Ghalhekk l-ammont tal-penali m'huwiex relatat max-xoghlijiet li baqghu pendenti u ma tlestewx jew ghal hsara sofferta.

Il-Qorti ta' l-Appell applikat il-ligi hazin ai termini ta' l-Artikolu 811 (e) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) meta applikat l-Artikolu 1122 (1)(a) tal-Kodici Civili (Kap 16) peress li l-penali giet mifthema ghad-dewmien biss u ghalhekk dan l-Artikolu ma japplikax izda japplika minflok l-Artikolu 1122(1)(b).

Fi kwalunkwe kaz, il-garaxx inbiegh mill-attur fl-istat li kien fuq talba stess tal-konvenut proprio et nomine li ma setghax ibiegh il-penthouse li kellu fl-istess blokk ta’ appartamenti minghajr garaxx ghaliex ix-xerrej tal-penthouse kien qed jinsisti li ried garage ukoll. L-attur accetta li jaqdi lill-konvenut proprio et nomine biex jghinu jbiegh il-penthouse u ghalhekk minn fuq m’ ghandux jigi penalizzat ghal dan mill-istess konvenut meta l-attur ikkowopera mieghu u qdieh.

Minn imkien ma jirrizulta li l-kreditur (attur) accetta espressament l-bicca li giet ezegwita. Tant hu hekk illi l-konvenut proprio et nomine qatt ma ghamel ix-xoghol li kellu jaghmel fil-garaxx, u l-garaxx inbiegh qabel il-Perit Tekniku A.I.C. Ronald Muscat Azzoopardi elenka x-xoghlijiet li kienu ghadhom ma sarux. Ghal din ir-raguni x-xoghlijiet li kellhom isiru fil-garaxx ma setghux jigu inkluzi fil-lista tax-xoghlijiet li kienu ghadhom ma sarux. Isegwi ghalhek ukoll li l-Artikolu 1122(1)(a) tal-kodici Civili ma japplikax.

Hemm dispozizzjonijiet kontra xulxin ai termini ta’ l-Artikolu 811 (i) fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell billi minn banda taqbel ma’ l-ewwel Qorti li l-penali giet mifthema ghad-dewmien biss, u mill-banda l-ohra minflok ma applikat l-Artikolu 1122(1)(b) li tistipola li l-ebda tnaqqis ta’ penali ma jista’ jsir meta l-penali tkun giet mifthema ghad-dewmien biss, din il-Qorti applikat l-Artikolu 1122(1)(a).

Fuq kollox, il-penali ta’ mitt lira (Lm100) kuljum ghad-dewmien biss saret fuq talba tal-konvenut proprio et nomine stess li, rinfaccat bill-possibilita` li l-kuntratt ta’ bejgh lill-attur jaqa’ meta kellu numru ta’ kredituri jigru warajh u jinsistu ghall-hlas ta’ l-ammonti li kellu jaghtihom, accetta din il-penali biex ma tisfrattax il-bejgh.

Fil-waqt li l-Qorti ta’ l-Appell *arbitrio boni viri* laqghet it-tielet u r-raba’ talba ta’ l-attur appellat fis-somma ridotta ta’ elf tlett mija u sebgha u sittin lira maltin (Lm1,367), li hia 1% tal-penali skond il-kuntratt, ordnat li l-ispejjez kollha hlief dawk konnessi mas-sentenza parzjali tat-2 ta’ Frar 1994, li jammontaw ghal madwar tlettax-il elf lira

(Lm13,000) jithallsu kwantu ghal hamsa u sebghin fil-mija (75%) mill-attur appellat li minflok jithallas il-penali dovuta lilu, giet ordnat ihallas eluf ta’ liri minhabba l-inadempjenza kontrattwali ta’ l-appellant konvenut proprio et nomine.

Dan huwa ‘ghal kollox sproporzjonat u mhux accettabbli skond in-normi stabbilit tas-socjeta` u tal-logika guridika’. B’dana kollu l-Qorti ta’ l-Appell ghogobha tghid li hemm sproporzjon astronomiku bejn il-quantum ta’ l-inadempjenza tal-konvenut appellant riskontrata bis-sentenza tat-2 ta’ Frar 1994, u l-quantum tal-penali likwidata fis-sentenza tal-20 ta’ Marzu 1997 bhala kumpens biex taghmel tajjeb ghall-istess inadempjenza.

B’hekk jidher car illi s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell applikat il-ligi hazin ai termini ta’ l-Artikolu 811(e) u tikkontjeni disposizzjonijiet kontra xulxin ai termini ta’ l-Artikolu 811(i), liema sentenza timmerita ritrattazzjoni fid-dawl ta’ dak kollu li inghad aktar il fuq.

Ghaldaqstant, l-esponenti, fil-waqt li ghamel riferenza ghal atti kollha tal-kawza u jirriserva li jressaq provi ohra permessi mill-ligi, jitlob bir-rispett illi, a tenur ta’ l-Artikolu 811 et seq tal-kap 12 is-sentenza tal-15 ta’ Dicembru 2004 fl-ismijiet premessi fi grad ta’ Appell tigi mhassra u revokata u l-kawza deciza, billi tigi ritrattata ghar-ragunijiet fuq imfissra jigifieri a bazi ta’ l-Artikolu 811(e) u (i); u li l-appell jigi ttrattat mill-gdid u l-kawza tigi mismumgha mill-gdid fil-meritu sabiex il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant proprio et nomine u tilqa’ t-talbiet ta’ l-esponenti attur.”

Rat ir-Risposta mressqa minn Richard Micallef fil-kwalita’ tiegħu premessa fl-4 ta’ Marzu, 2005, li biha huwa eċċepixxa:
“Is-sentenza appellata moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-15 ta’ Dicembru, 2004, hja guridikament ineccepibbili, u manifestament timmerita konferma.

Preliminarjament, ir-ritrattazzjoni promotorja a tenur tal-Art. 811 (e) tal-Kap. 12 jirrigwarda punt gia` deciz minn din l-Onorabbli Qorti, u ghalhekk it-talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza maghmula in bazi ghal dak l-artikolu tal-ligi ghandha tigi michuda;

Preliminarjament ukoll, ir-ritrattazzjoni hija allegatament maghmula ukoll in bazi ghall-Art. 811 (i) tal-Kap. 12. Ma jirrisulta imkien fir-rikors promotur ***<u>fejn</u>*** qieghed jara id-disposizzjonijiet kontradittorji r-ritrattant Pace sabiex isostni din il-parti tat-talba ghar-ritrattazzjoni tieghu, u ghalhekk anke it-talba ghar-ritrattazzjoni in bazi ghal *dak* l-artikolu tal-ligi ghandha tigi michuda ukoll;

Preliminarjament ukoll, l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet Said International Limited vs MAC Limited et moghtija fis-7 ta' Lulju, 2003, fejn dik l-Onorabbli Qorti ippronunzjat ruhha kif isegwi dwar ir-rimedju ta' ritrattazzjoni:

"Ma jkunx inopportun jekk qabel approfondiment tal-aggravju jigu anke hawn ribaditi certi principji ormai saldament affermati in materja ta' ritrattazzjoni. In partikolari,

(a) ir-rimedju konsentit minn dan l-istitut huwa t'a natura straordinarja (**"Dr. Paul Mallia nomine –vs- Vincenza xebba Camilleri"**, Appell Civili, 2 ta' Lulju 1975),

(b) regolat minn interpretazzjoni strettissima **"Rev. Sac. Dun Giuseppe Aquilina –vs- Francesco Aquiina"**, Appell Civili, 18 ta' April 1958),

(c) "non suscettibile di estensiva ma della sola letterale" (**"Arthure Micallef –vs- Maria Dolores Vela et"**, Prim'Awla,. Qorti Civili, 25 ta' Gunju 1910)"

Huwa sottomess illi din l-istanza m'hijiex qed issir fil-kuntest ta' cirkostanzi li jimmeritaw li jigu konsiderati bil-kriterji appena citati.

Minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet maghmula s'hawnhekk, hu sottomess fil-mertu illi l-lanjanza principali tar-ritrattant Pace hija illi din l-Onorabbli Qorti kellha tapplika d-dispost tal-Art. 992 tal-Kodici Civili, u tinjora d-dispost tal-Art. 993;

Bir-rispett jidher car mir-rikors tieghu illi r-ritrattant Pace ma fehemx illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell applikat, kif kellha, d-dispost tal-Art. 993 ghall-finijiet tal-ezami tal-agir tar-ritrattant Pace fl-***esekuzzjoni*** tal-patt, kif irid l-istess Art. 993;

L-agir tar-ritrattant Pace fil-mument ***meta gie konkjuz*** il-patt ma giex imqieghed in diskussjoni;

Kwindi, gie ezaminat minn din l-Onorabbli Qorti il-***fides*** tar-ritrattant Pace fil-mument tal-***esekuzzjoni*** tal-patt, u mhux fil-mument tal-***konkluzzjoni*** tal-ftehim, biex l-Onorabbli Qorti tal-Appell setghet tasal ghall-mira tal-***ekwita`*** kif irid l-Art. 993;

F'ebda moment ma qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell illi qed tapplika d-dispost tal-Art. 993 in deroga tal-Art. 992. Applikat l-Art. 993 ghall-mument tal-esekuzzjoni tal-patt, kif kienet obbligata taghmel bil-ligi;

Biex applikat l-Art. 993, l-Onorabbli Qorti tal-Appell qalet kif gej:

1. L-Art. 993 jikkontempla illi l-kuntratti jigu ***esegwiti*** bil-***buona fede,*** li "din il-Qorti tifhem illi fil-kuncett ta' bona fidi jidhol ukoll certu element ta' ekwita …." (fol. 19 tas-sentenza). B'hekk, Din l-Onorabbli Qorti dehrilha li kellha tapplika il-massima antikissima tad-dritt komuni *in omnibus quidem, maxime tamen in iure, aequitas spectanda,* li jfisser illi f'kollox, izda specjalment fi kwistjonijiet ta' dritt, ghandu jipprevali l-mira tal-ekwita`;

2. Ezaminat l-agir tar-ritrattanty Pace u waslet ghal dawn il-konkluzzjonijiet:

a. Ir-ritrattant Pace ma kienx qed jagixxi bil-buona fede meta esiga penali ta' LM136,700 fuq appalt ta' LM15,000, meta x-xogholijiet li kien baqalghom isiru kienu ***insinifikanti;***

b. Ir-ritrattant Pace kellu d-dmir li jimminimizza d-danni izda dan m'ghamlux; u

c. Ir-ritrattant Pace kien sejjer ikollu ***arrikiment eccessivament indebitu*** li kieku s-sentenza appellata ma gietx riformata.

Jizdied inoltre illi meta xehed in kontroezami (fol. 105 tal-process), ir-ritrattant Pace ipprova jostor il-verita`, u fis-sentenza parzjali tat-2 ta' Frar, 1994, l-ewwel Onorabbli Qorti qalet testwalment:

**"Il-Qorti temmen lill-konvenut u mhux lill-attur [**ir-ritrattant Pace**], ghaliex filwaqt illi ma ssibx inkonsistenzi u kontradizzjonijiet fid-deposizzjonijiet tal-konvenut, ma jistax jinghad l-istess ghall-attur."**

Fejn applikat hazin il-ligi din l-Onorabbli Qorti, jew fejn fis-sentenza jirrisultaw disposizzjonijiet kontradittorji? Hu sottomess bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad din ir-ritrattazzjoni bl-ispejjez kontra r-ritrattant Pace.

Daqstant ghandu l-unur jissottometti l-esponent ghall-gudizzju savju u superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti."

Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi maqtugħa minn din il-Qorti fil-15 ta' Diċembru, 2004;

Rat l-atti kollha tal-kawża, flimkien mad-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din il-kawża tirrigwarda l-applikazzjoni ta' klawsola penali miftehma bejn il-partijiet f'kuntratt[1] li sar wara li kien saru żewġ kuntratti: wieħed ta' bejgħ u xiri ta' arja fuq stabili u ta' appalt għall-iżvilupp tal-istess arja f'appartament ġebel u saqaf; u l-ieħor ta' appalt biex itemm ix-xogħlijiet kollha fl-istess appartament. Il-penali kienet iffissata fir-rata ta' mitt lira Maltija (Lm 100) kuljum b'effett mit-22 ta' Mejju tal-1990. Minn dak li irriżulta mill-atti tal-kawża, jidher li l-imtimat ritrattat *proprio* u *nomine* temm ix-xogħol għal kollox fis-17 ta' Frar, 1994;

Illi b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Frar, 1994[2], dik il-Qorti ċaħdet l-ewwel, it-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet tal-intimati ritrattati u laqgħet l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent ritrattand. L-imsemmija sentenza tat lill-intimati tliet (3) ġimgħat żmien biex itemmu x-xogħlijiet elenkati u irriżervat li tipprovdi dwar it-tielet eċċezzjoni u dwar it-tielet u r-raba' talbiet attriċi fi stadju ulterjuri. B'sentenza mogħtija fl-20 ta' Marzu, 1997[3], dik il-Qorti ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-intimati ritrattati flimkien mat-tieni eċċezzjoni ulterjuri tagħhom, u laqgħet it-tielet u r-raba' talbiet tar-rikorrent ritrattand. Ikkundannat lill-intimati jħallsu lill-parti l-oħra s-somma ta' mija u sitta u tletin elf u seba' mitt lira Maltija (Lm 136,700) bħala penali;

Illi b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-15 ta' Diċembru, 2004[4], l-imsemmija sentenza tat-2 ta' Frar, 1994, ġiet konfermata, filwaqt li s-sentenza tal-20 ta'Marzu, 1997, ġiet revokata fejn il-penali likwidata taħt it-tielet talba attriċi telgħet għal Lm 136,700, u, minflok, stabiliet penali ta' elf tliet mija u sebgħin lira Maltin (Lm 1367) pagabbli lir-rikorrent ritrattand;

---

[1] Datat 27.3.1990, Dok "A", f'paġġ. 6 sa 19
[2] Paġġ. 143-153
[3] Paġġ. 182-5
[4] Paġġ. 454 sa 467

Illi b'rikors imressaq fit-28 ta' Jannar, 2005, ir-rikorrent ritrattand talab, għar-raġunijiet hemm imsemmija, li dik is-sentenza titħassar u t-trattazzjoni fi stadju tal-appell terġa' ssir mill-ġdid fuq il-kawżali maħsuba fl-artikolu 811(e) u l-artikolu 811(i) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-ewwel osservazzjoni li għandha ssir hija li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju ammess biss fil-każijiet stabiliti fil-liġi liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija[5]. Sadattant, ix-xogħol ta' din il-Qorti, sakemm tkun għadha qegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza attakkata, huwa dak li tqis biss jekk kemm-il darba tirriżultax imqar waħda miċ-ċirkostanzi proċedurali maħsubin fl-artikolu 811 tal-Kodiċi Proċedurali. Fl-istadju *in rescindente* din il-Qorti m'għandhiex tgħarbel mil-ġdid dwar jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza attakkata;

Illi <u>dwar il-kawżali tal-applikazzjoni ħażina tal-liġi</u> (Art. 811(e) tal-Kap 12), ir-rikorrent jgħid li din il-Qorti, fis-sentenza li tagħha qiegħed jitlob it-tħassir, ma messhiex naqqset l-ammont ta' penali likwidat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Marzu, 1997. Jgħid li din il-Qorti applikat artikolu tal-liġi – l-artikolu 1122(1)(a) tal-Kodiċi Ċivili – li ma kienx jgħodd għall-każ, u li għalih kien japplika artikolu ieħor – l-artikolu 1122(1)(b) tal-istess Kodiċi. Minbarra dan, huwa jgħid li din il-Qorti bniet il-fehma tagħha fuq il-prinċipju ta' bwona fede fit-twettiq tar-rabtiet kuntrattwali ta' dak li jkun (l-artikolu 993 tal-Kodiċi) u warrbet għal kollox id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 992 li, fil-każ tal-kuntratt bejnu u r-ritrattat *proprio* u *nomine*, kien jorbothom dwar is-siwi u l-applikazzjoni tal-klawsola penali miftehma bejniethom;

Illi biex jitqies li f'sentenza saret applikazzjoni ħażina tal-liġi, jeħtieġ jintwera li, meta l-fatti huma tassew kif stabiliti f'dik is-sentenza, d-deċiżjoni ma tkunx skond il-liġi. Dan

---

[5] App. Inf. **12.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mildred Ferrando vs Loris Bianchi pro et noe***

mhux biżżejjed, għaliex ma hemm lok għall-ebda ritrattazzjoni jekk kemm-il darba l-kwestjoni tkun fuq interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun tat deċiżjoni;

Illi minn dan joħroġ li s-smigħ mill-ġdid ta' kawża ma jingħatax fejn l-ilment tal-parti ritrattanda tkun dwar it-tifsira jew l-interpretazzjoni li l-Qorti (fis-sentenza attakkata) tkun tat lill-fatti li jirriżultawlha jew tal-liġi li tkun tgħodd għal dawk il-fatti. Ir-ritrattazzjoni tingħata biss meta għal dawk il-fatti aċċertati, tiġi wżata liġi li ma kinitx tapplika għall-każ. Terġa' u tgħid, f'każ bħal dan lanqas tingħata r-ritrattazzjoni jekk il-kwestjoni kienet tirrigwarda tifsira ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun espressament iddeċidiet;

Illi l-funzjoni tal-Qorti li tinterpreta u tqis il-fatti li jirriżultawlha, flimkien mas-setgħa u d-dmir li tapprezzahom u tapplika għalihom il-liġi li tgħodd, huma l-qofol tal-eżerċizzju tagħha. Dan l-eżerċizzju jġib miegħu element ta' użu ta' diskrezzjoni raġunata li l-liġi espressament tagħti lill-ġudikant. Dwar dan l-eżerċizzju, ma jingħata l-ebda rimedju ta' ritrattazzjoni[6], u dan kemm jekk il-fehma raġonevoli li jkun wasal għaliha l-ġudikant tkun waħda oġġettivament tajba jew kif ukoll jekk ma tkunx. Dawn jikkwalifikaw bħala "*i giudizi sovrani del magistrato*"[7];

Illi wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-vjolazzjoni tal-liġi, li tfisser iċ-ċaħda diretta tal-preċett leġislattiv[8]. Iż-żewġ ċirkostanzi m'humiex l-istess ħaġa u m'għandhomx jitħalltu bħallikieku ħaġa waħda. L-applikazzjoni tal-liġi ħażina sseħħ meta jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-fatti li jirriżultaw u l-liġi li kellha tapplika għal dawk il-fatti. Fi kliem l-awturi l-aktar imrawmin f'din il-materja, "*falsa applicazione* (di legge) *e' la sconvenienza di rapporto che passa tra la legge e il fatto. Havvi falsa applicazione di legge quando una disposizione generale fu applicata a caso sottratto per legge al dominio di quella disposizione, o quando una disposizione eccezionale fu applicata a casi a cui non si*

---

[6] App. Ċiv. **8.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Pavia*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.326**)
[7] Mattirolo *Trattato di Diritto Giudiziario Civile* (1904), Vol. IV, par. 1043
[8] Merċieca *Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi* (2005), Kap 6, paġ. 126

*estende. ... (L)a falsa applicazione e' sempre positiva; e' un vero scambio che sposta il diritto o lo colloca una base arbitraria*"[9];

Illi bl-istess mod wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-interpretazzjoni ħażina. L-interpretazzjoni jew it-tifsir tal-liġi hija wkoll waħda mill-attributi tas-sovranita' tal-ġudikant u, bħala tali m'hijiex suġġetta għar-ritrattazzjoni[10]. Għalhekk, biex tingħata r-ritrattazzjoni, irid jintwera li l-Qorti applikat il-liġi l-ħażina fis-sentenza attakkata u mhux li applikat b'mod ħażin il-liġi t-tajba li kienet tgħodd għall-każ[11];

Illi biex jiġi mistħarreġ sewwa jekk hemmx lok li tingħata r-ritrattazzjoni taħt din il-kawżali, għandu jitqies li l-fatti riżultanti fis-sentenza attakkata huma tassew dawk li kienu hekk irriżultaw lil dik il-Qorti. M'għandhiex għalhekk il-Qorti li qegħda tisma' talba għas-smigħ mill-ġdid ta' kawża (jew biex tqis jekk għandhiex tħassar is-sentenza attakkata) terġa' tgħarbel il-fatti jew tagħtihom l-interpretazzjoni tagħha[12]. Jekk tagħmel hekk, tkun qegħda tibdel l-istitut tar-ritrattazzjoni f'wieħed ta' "tielet appell"[13] jew agħar, għaliex normalment lanqas il-Qorti fi stadju tal-appell ma tindaħal fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad dwar l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti riżultanti;

Illi meta wieħed japplika l-prinċipji hawn fuq elenkati mal-fattispeċi tal-każ, wieħed jasal biex jgħid li l-ilment tar-rikorrent m'huwiex fondat. Jibda biex jingħad li din il-Qorti ma tarax f'liema waqt matul is-sentenza attakkata ġiet applikata għall-fatti tal-każ liġi li ma messhiex tqieset. Il-klawsola penali kienet tagħmel parti minn kuntratt bejn il-partijiet. Bħalma kienet tapplika r-regola tal-*pacta sunt servanda*[14], kienu japplikaw għall-każ ukoll ir-regoli l-oħrajn dwar l-effetti tal-kuntratti, fosthom dik li titkellem

---

[9] Borsari <u>*Il Codice Italiano di Procedura Civile Annotato*</u> (1872), f'par. 648
[10] App. Ċiv. **3.2.1930** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella Żarb vs Bartolo*** (Kollez. Vol: **XXVII.i.433**)
[11] App. Ċiv. **14.11.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Hicklin et vs Hicklin*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.862**)
[12] App. Ċiv. **17.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.299**) u App. Ċiv. **17.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Guido Vella vs Avukat Emanuel Ċefai*** , fost oħrajn
[13] App. Ċiv. **18.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Aquilina*** (Kollez. Vol: **XLII.i.227**)
[14] Art. 992 tal-Kap 16

dwar it-twettiq tal-obbligi kuntrattwali bil-bona fidi[15]. L-invokazzjoni tal-klawsola penali min-naħa tar-rikorrent ritrattand ma kinitx ħlief talba li tagħti effett għall-kuntratt miftiehem. Dawn ir-regoli huma komplimentari għal xulxin għaliex ifissru u juru kif għandhom jitwettqu l-kuntratti. Meta l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza attakkata, kienet qegħda tqis **ukoll** il-kwestjoni tal-bona fidi, ma kinitx qegħda twarrab ir-regola tal-*pacta sunt servanda*, imma kienet saħansitra qegħda turi kif, fil-fehma tagħha, din ir-regola kellha tiġi applikata mingħajr ma tissagrifika l-prinċipji ewlenin u fondamentali li għandhom isawru l-kostruzzjoni u l-applikazzjoni tar-rabtiet kuntrattwali;

Illi, fit-tieni lok, lanqas ma jista' jiġi dubitat li l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza attakkata, dehrilha li, **fuq il-fatti li kellha quddiemha**, tasal għall-fehma li r-rikorrent ritrattand (f'dak l-istadju l-attur appellat) kien aċċetta espressament il-biċċa mill-appalt esegwit, b'mod li kien hemm lok għat-tnaqqis tal-penali. Dik il-fehma kienet il-prerogattiva ta' dik il-Qorti fil-funzjoni deliberativa tagħha u li, kif ingħad, ma tistax tiġi issa sindakata għall-finijiet ta' ritrattazzjoni. Minbarra dan, għal dik il-fehma kienet, fil-fatt applikabbli d-dispożizzjoni tal-liġi li tippermetti t-tnaqqis fl-ammont tal-penali dovut. Minn dan kollu, ma jidher bl-ebda mod li, għall-fattispeċi tal-każ, ġiet applikata liġi li ma messhiex jew li l-fatti kif irriżultaw lil dik il-Qorti ma kinux jippermettu l-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni;

Illi, fit-tielet lok, il-kwestjoni li issa tifforma s-sinsla tat-talba għar-ritrattazzjoni – jiġifieri, l-applikabilita' tal-kriterju tat-twettiq tal-kuntratti bil-bona fidi fil-konfront tal-prinċipju li l-kuntratti huma l-liġi bejn il-partijiet – kienet kwestjoni ta' interpretazzjoni li dwarha l-Qorti tal-Appell tat espressament deċiżjoni. Biżżejjed wieħed jifli l-atti proċesswali fl-aħħar stadji tat-trattazzjoni tal-każ fit-tieni grad, biex wieħed jintebah kemm tassew din il-kwestjoni kienet speċifikatament dibattuta u mistħarrġa[16]. Minħabba f'hekk ukoll il-liġi ma tagħtix li ssir ir-ritrattazzjoni fuq din il-kawżali f'sitwazzjoni bħal din;

---

[15] Art. 993 tal-Kap 16
[16] Ara, per eżempju, n-Nota f'paġ. 389 *et seq.*

Għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' t-talba għas-smigħ mill-ġdid tal-kawża fuq din il-kawżali;

Illi dwar il-kawżali ta' dispożizzjonijiet kontra xulxin fis-sentenza (Art. 811(i) tal-Kap 12), ir-rikorrent ritrattand jgħid li dan joħroġ minħabba li din il-Qorti, fis-sentenza minnu impunjata, filwaqt li qablet li l-penali miftehma kienet waħda dwar dewmien biss (f'liema każ il-liġi ma tħalli li jsir l-ebda tnaqqis mill-ammont tal-penali miftehma), madankollu applikat dispożizzjoni ta' liġi li tippermetti t-tnaqqis tal-penali dovuta u għaddiet biex tillikwida penali hekk imnaqqsa. Huwa jara wkoll kontradizzjoni fil-mod kif din il-Qorti qasmet il-kap tal-ispejjeż tal-kawża;

Illi l-Qorti jidhrilha li l-argumenti mressqin mir-rikorrent taħt dan il-kap huma ripetizzjoni tal-argumenti mressqin taħt il-kawżali l-oħra. Fihom huwa jerġa' jtenni l-ilment li, ladarba l-Qorti kienet sabet li l-klawsola penali kienet miftehma bla qerq u kienet miftehma għad-dewmien biss, ma kienx hemm lok li jingħata tnaqqis għall-ammont dovut taħt l-istess klawsola ladarba ġie stabilit kemm-il jum ta' dewmien kien seħħ sakemm ix-xogħlijiet kollha tlestew. Huwa jara tali kontradizzjoni f'li ma messha ġiet applikata l-ebda dispożizzjoni oħra ta' liġi ħlief l-artikolu 1122(1)(b) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi hu paċifikament stabilit li biex jitqies li jeżistu dispożizzjonijiet li jmorru kontra xulxin f'sentenza għall-finijiet tal-artikolu 811(i), irid jintwera li n-nuqqas ta' qbil ikun jirriżulta biss fil-parti dispożittiva tas-sentenza u mhux bejn dik il-parti u l-motivazzjonijiet[17]. Fuq kollox, biex jista' jingħad li fl-istess sentenza jinsabu dispożizzjonijiet kontradittorji ta' xulxin, jeħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet jeliminaw lil xulxin, b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu mwettqin kollha[18];

Illi meta wieħed jaqra sewwa s-sentenza li tagħha qiegħed jintalab it-tħassir, wieħed ma jasal biex isib l-ebda konflitt

[17] App. Ċiv. **3.4.1922** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonnici vs Galea Naudi*** (Kollez. Vol: **XXV.137** a fol. 139) u App. Ċiv. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Beżżina*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.264**) fost bosta oħrajn
[18] App. Kumm. **24.1.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Busuttil vs Gauċi et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.882**)

bejn il-partijiet dispożittivi tal-istess sentenza. Dan jgħodd kemm dwar liema artikolu tal-liġi ġie applikat biex ġiet likwidata s-somma dovuta mill-intimat ritrattat bħala penali lir-rikorrent ritrattand, u kif ukoll dwar il-bażi legali li kienet tirregola l-kuntratt li minnu dik il-klawsola penali kienet tagħmel parti;

Illi l-istess jgħodd ukoll dwar l-ispartizzjoni tal-kap tal-ispejjeż  Il-mod kif l-ispejjeż inqasmu fis-sentenza kien konsistenti u jaqbel mal-mod kif il-Qorti iddisponiet mill-mertu tal-appell u ma' dak stabilit mil-liġi[19].  Għall-kuntrarju, kien ikun hemm kontradizzjoni mad-dispożizzjonijiet tas-sentenza li kieku din il-Qorti qasmet l-ispejjeż b'mod ieħor;

Illi l-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' t-talba biex tħassar is-sentenza impunjata lanqas taħt din il-kawżali;

Għalhekk, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti ritrattand, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[19] Art. 223 tal-Kap 12